# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 6 ta' Diċembru, 2021.**

**Numru 18**

**Rikors numru 31/13/2 JVC**

**Carmela Buttigieg, Saviour Buttigieg u Loreto Buttigieg**

**v.**

**Giacinta Debono u b'digriet tat-12 ta' Lulju 2013 ġew kjamati fil-kawża Maria, John u Carmela Debono**

1. B'rikors ippreżentat fit-18 ta' Novembru 2021 l-atturi appellati talbu sabiex din il-Qorti tagħtihom l-opportunita` li jirribattu l-provi li ressqu l-appellanti permezz ta' dokumenti, *"...... kif ukoll li tibgħat l-atti lura lill-Ewwel Onorabbli Qorti għall-iskop fuq imsemmi"*.

2. Rikors li l-atturi ppreżentaw wara li b'digriet tat-8 ta' Novembru 2021 din il-Qorti laqgħet it-talba tal-konvenuta sabiex tippreżenta

dokumenti fl-istadju tal-appell, li huma atti pubbliċi dwar immobbli li ma rriżultawx mir-riċerki li saru fir-Reġistru Pubbliku. Dokumenti li l-appellanti ssostni li jagħtu prova li l-għar li hemm taħt il-proprjeta` tal-appellati, hu fir-realta` proprjeta` tagħha.

3. It-talba tal-atturi sabiex din il-Qorti tibgħat l-atti lura quddiem l-ewwel Qorti, tkun tfisser li fl-ewwel lok għandha titħassar is-sentenza appellata. Dak iwassal li l-meritu tal-appell ma jiġix ikkunsidrat.

4. M'hemmx provvediment fil-liġi ta' proċedura li jipprovdi li jekk din il-Qorti tilqa' talba ta' xi parti sabiex tressaq provi ġodda fi stadju ta' appell, allura s-sentenza appellata għandha titħassar u l-atti jintbagħtu lill-ewwel Qorti sabiex jinġabru provi ġodda quddiemha u wara terġa' tiddeċiedi daqslikieku qatt ma tat sentenza. M'hemm xejn x'iżomm lil din il-Qorti milli tieħu konjizzjoni tad-dokumenti li ppreżentat il-konvenuta fl-istadju tal-appell, u milli tikkunsidra wkoll provi ġodda li l-atturi jistgħu jridu jressqu biex jirribattu l-provi dokumentarji li ippreżentat il-konvenuta. Wara kollox kienet din il-Qorti li awtorizzat li jitressqu provi ġodda għall-finijiet tal-appell.

5. Hu minnu li dawk il-provi ġodda mhux ser ikunu ġew kkunsidrati mill-ewwel Qorti. Pero` dak il-fatt waħdu ma jiġġustifikax li s-sentenza appellata titħassar u l-każ jintbagħat lura quddiem l-ewwel Qorti. Fl-ewwel

lok huma provi li ser ikunu tressqu fi stadju ta' appell, u din il-Qorti ser tiddeċiedi l-appell wara li tqis il-provi li diġa` tressqu quddiem l-ewwel Qorti, flimkien mal-provi ġodda li ressqet l-appellanti u li għad jistgħu jressqu l-appellati biex jirribattu l-istess. Dan il-fatt m'huwiex ser iwassal sabiex l-atturi jsofru xi preġudizzju, ġialadarba l-meritu tal-kawża ser ikun qiegħed jiġi ikkunsidrat fl-intjier tiegħu.

6. F'kull każ l-atturi appellati ser jingħataw l-opportunita` li jressqu provi ġodda intiżi sabiex jirribattu l-provi li ressqet l-appellanti, u dan biss fir-rigward tal-għar li hemm taħt il-proprjeta` tal-atturi appellati. Dan apparti li f'dan l-istadju jkun prematur li din il-Qorti tordna li l-atti jintbgħatu lura lill-ewwel qorti qabel ma' din il-Qorti jkollha l-opportunita` tikkunsidra l-meritu tal-appell tal-konvenuta, meta l-ewwel Qorti hi llum marbuta bis-sentenza li tat li minnha l-konvenuta appellat.

Għal dawn il-motivi ticħad it-talba tal-appellati sabiex din il-Qorti tibgħat l-atti lura quddiem l-ewwel Qorti sabiex iressqu provi ġodda u wara tiddeċiedi mill-ġdid wara li tikkunsidra l-provi ġodda kollha. Minflok tilqa' t-talba sabiex l-atturi appellati jressqu provi ġodda quddiem din il-Qorti biex jirribattu l-prova li setgħet għamlet l-appellanti bid-dokumenti li ppreżentat fl-istadju tal-appell. Għaldaqstant, tiddiferixxi l-appell għall-provi kollha tal-atturi appellati biex jirribattu l-provi dokumentarji li ressqet l-appellanti.

Spejjeż ta' dan id-digriet jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr